HOUSING AUTHORITY

# Benefiċċju tal-Kera f'Residenzi Privati (2019)

## 1. Titolu

Din l-iskema msejħa Skema ta' Benefiċċju tal-Kera ta' Residenzi Privati u għandha tapplika għall-benefiċċju fuq kera ta' fondi li mhumiex proprjeta' tal-Gvern.

## 2. Skop tal-iskema

Din l-iskema tipprovdi benefiċċju fuq il-kera mħallsa fuq fondi mikrija bħala residenza ordinarja tal-applikant u l-familja tiegħu u dan sabiex il-kera ssir aktar affordabbli.

## 3. Tifsir

F'din l-iskema, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:-

"dħul totali fis-sena" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fil-klawsola 12 ta' din l-iskema;

"applikant" tfisser persuna li tapplika għall-benefiċċju fuq il-kera ta' dar ta' abitazzjoni tal-privat taħt din l-iskema u meta l-applikazzjoni ssir minn tnejn jew aktar flimkien, għandha tinkludi l-applikanti kollha;

"l-Awtorita'" tfisser l-Awtorita' tad-Djar imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att tal-Awtorita' tad-Djar: (Kap 261);

"sena bażi" tfisser is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha ssir applikazzjoni taħt din l-iskema u b'referenza għall-klawsola 13;

"dar ta' abitazzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fil-klawsola 2 tal-Att prinċipali u teskludi djar proprjeta' tal-Gvern jew mikrija mill-Gvern, l-Awtorita' tad-Djar, korpi parastatali jew xi Awtorita' lokali;

"l-att prinċipali" tfisser l-Att XXIII tal-1988 biex tħajjar persuni jsiru sid darhom;

"residenza ordinarja" ma tinkludix residenza tas-sajf;

"preskritt" tfisser preskritt mill-Awtorita';

F'din l-iskema s-singular jimporta l-plural u l-maskil jimporta l-femminil.

## 4. Applikazzjonijiet għall-benefiċċju fuq kera taħt din l-iskema

Kull persuna li tikkwalifika għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha timla l-formola preskritta mill-Awtorita' biex titlob benefiċċju fuq il-kera tar-residenza tal-privat li:

(i) tkun okkupata minnha bħala r-residenza ordinarja tagħha; u

(ii) tkun mikrija jew akkwistata taħt titolu ta' ċens temporanju li ma jeċċedix il-wieħed u għoxrin (21) sena.

## 5. Kwalifiki għall-applikant għall-benefiċċju fuq il-kera taħt din l-Iskema

Persuna tikkwalifika għall-benefiċċju fuq il-kera taħt din l-iskema jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:-

(1) (a) l-applikant huwa l-kerrej konoxxut mis-sid tad-dar privata li fuqha qed issir l-applikazzjoni:-

(b) l-applikant ikun diġa' għamel ftehim bil-miktub ma' sid il-post li fuqu qed issir it-talba taħt din l-iskema u jkun diġa' irreġistra dan il-kuntratt tal-kera mall-Awtorità tad-Djar u dan skont Att tal-Liġi KAP 604.

Il-ftehim bil-miktub għandu jkun wieħed mit-tip li ġejjin:-

(i) Ftehim ta' kirja li jkopri tal-anqas sitt xhur; jew

(ii) Kuntratt ta' enfitewsi temporanja li ma jaċċedix il-wieħed u għoxrin (21) sena.

Il-ftehim ta' kirja, li ġie kuntrattat qabel ma ġiet *in vigore* din l-iskema, kemm fil-perijodu oriġinali jew wara li ġie mġedded skont il-liġi, jiġi kkunsidrat biss jekk:

(i) il-kera pagabbli kemm qabel (għal mill-anqas ta' perijodu ta' sitt xhur) u wara li ġiet *in vigore* din l-iskema baqa' l-istess; jew

(ii) fejn il-kera ġiet awmentata, jekk dan jirriżulta kemm bil-liġi, jew bħala riżultat ta' xi digriet jew sentenza mill-Qorti kompetenti,

bil-kundizzjoni li fiż-żewġ każijiet l-Awtorita' tkun sodisfatta li ma hemmx kollużjoni bejn il-partijiet; u

(c) l-applikant huwa ċittadin ta' Malta jew tal-Unjoni Ewropea, jew igawdi minn stat ta' refuġjat, jew jgawdi minn protezzjoni sussidjarja jew jipposjedi stat ta' *long term residence jew specific authorisation*. Fil-każ ta' miżżewġin mhux separati, biżżejjed li parti waħda tkun Maltija jew ċittadina tal-Unjoni Ewropea; u

(d) f'każ ta' koppja miżżewwġa, żewġ persuni imsieħba f'Unjoni Ċivili li mhumiex legalment jew *de facto* separati, jew tlett applikanti flimkien, l-applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha issir flimkien *in solidum;*

(2) (a) il-fond ikun fi stat tajjeb ta' tiswija u f'kundizzjoni abitabbli.

(b) dak li qed jagħti b'kiri hu s-sid jew l-enfitewta (b'dan illi ċ-ċens temporanju ma jeċċediex il-wieħed u għoxrin [21] sena);

(c) l-użu tal-fond bħala residenza ordinarja huwa skont il-liġi u skont l-obbligi kontrattwali tal-kirja.

## 6. Skwalifika

Persuna ma tikkwalifikax biex tapplika taħt din l-iskema jekk:-

(a) id-dħul annwu totali jeċċedi s-somma kif stipulata fi Klawsola 13; u/jew

(b) il-fond li għalih issir l-applikazzjoni mhux użati bħala r-residenza ordinarja tal-applikanti u tal-familji tagħhom; u/jew

(c) il-kuntratt tal-kirja ma jkunx reġistrat mall-Awtorità tad-Djar skont Liġi Kap 604;

(d) tkun diġa bbenefikat minn xi għajnuna taħt dik li kienet magħrufa bħala 'l-Iskema tal-Home Ownership'; u/jew

(e) tkun diġa bbenefikat minn xi skema oħra ta' sussidju fuq ir-rata tal-imgħax maħruġa mill-Awtorità tad-Djar u mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali u tali persuna tkun żammet id-drittijiet fuq il-proprjetà li fuqha tgawda s-sussidju;

Minkejja il-kundizzjonijiet ta' din il-klawsola persuna li martu/żewġha miet u li kienu bbenefikaw taħt xi skema msemmija aktar 'il fuq tista' tagħmel applikazzjoni taħt il-kondizzjonijiet ta' klawsola 5 ta' din l-iskema bil-patt li din il-persuna tipprova lill-Awtorita', u fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, li l-proprjeta' li bbenefikat minnha kellha tiġi mibjugħa biex jiġu mħallsa djun inkorsi f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

## 7. Miżżewwġin legalment separati

Applikant li jkun legalment mifrud għandu jippreżenta kopja tad-deċiżjoni finali tal-Qorti kompetenti li tippronunzja l-firda jew kopja tal-att pubbliku li jagħti effett lill-firda bil-kunsens taż-żewġ miżżewġin.

Għal skop ta' dan l-artikolu, il-kelma 'separata' għandha tinkludi persuna li hi legalment separata wara sentenza finali tal-Qorti kompetenti, persuna li hi legalment separata permezz ta' att pubbliku li jagħti effett lill-firda bil-kunsens taż-żewġ miżżewġin u bl-awtorita' tal-Qorti kompetenti u, fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorita', persuna li hi *bone fide de facto* separata.

Din l-iskema tapplika ukoll għall-persuna li mhix ċittadina ta' Malta iżda hija miżżewġa persuna Maltija u li hija *bone fide de facto* jew legalment separata u li:-

(1) l-Qorti tat il-kustodja tat-tfal lill-applikant; u

(2) it-tfal jistgħu jgħixu Malta sal-eta' ta' wieħed u għoxrin (21) sena u li huma ċittadini ta' Malta bis-saħħa ta' Section 25 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u

(3) għandha Passaport approvat (*endorsed*) mill-Principal Immigration Officer; u

(4) qed tirċievi iċ-*children Allowance;* u

(5) tikkwalifika taħt il-kundizzjonijiet l-oħra tal-Iskema.

## 8. Metodu ta' applikazzjoni

(i) Persuna li tikkwalifika għall-benefiċċju fuq il-kera taħt din l-iskema għandha tissottometti applikazzjoni fuq formola preskritta u għandha tieħu l-formola lill-Awtorita' waqt il-ġranet u ħinijiet tal-uffiċċju.

(ii) Il-formoli jistgħu jinġabru mill-Awtorita' tad-Djar 22, Triq Pietro Floriani, Floriana u mill-fergħa tal-Awtorita' tad-Djar 25, Triq Enrico Mizzi, Victoria, Għawdex jew fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita'.

## 9. Informazzjoni

L-Awtorita' tista' titlob lill-applikant biex jiffirma u jikkonferma bil-ġurament kull dikjarazzjoni li hi tista' tqis meħtieġa għat-twettiq ta' din l-iskema. L-Awtorita' tad-Djar iżżom id-dritt li tagħmel il-verifikazzjonijiet meħtieġa dwar il-kirja mas-sidien tal-fond.

## 10. Piena għal-dikjarazzjonijiet foloz

Jekk f'xi żmien jirriżulta li l-applikanti jkunu għamlu dikjarazzjoni falza jew taw informazzjoni u dokumenti mhux korretti għall-finijiet tal-applikazzjoni jew in konnesjoni mal-eżerċizzju tar-reviżjoni taħt din l-iskema, mingħajr preġudizzju għal xi piena li huma jkunu setgħu saru suġġett għaliha taħt xi liġi oħra, l-applikanti jkunu suġġetti għall-pagament lill-Awtorita' ta' penali li tkun ekwivalenti għas-somma totali ta' kull benefiċċju li jkunu ħadu taħt din l-iskema. Huma jkunu ukoll skwalifikati għall-perijodu ta' ħames (5) snin milli jibbenefikaw taħt xi skema magħmula bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għad-Djar, u jitilfu d-dritt għal xi għall-benefiċċju taħt din l-iskema.

*Dikjarazzjoni jew dokumenti skorretti jew foloz jistgħu jesponu lill-applikanti għal proċeduri kriminali.*

## 11. Ħlas amministrattiv u abbandun ta' applikazzjonijiet

(i) Kull applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha tiġi preżentata lill-Awtorita' u dik l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata kemm il-darba ma jkunx hemm magħha s-somma ta' għaxar Ewro (€10) bħala ħlas amministrattiv u d-dokumenti kollha meħtieġa.

(ii) Kull spiża magħmula mill-applikanti in konnessjoni mal-applikazzjoni tagħhom tkun a karigu tagħhom u ma jiġux meħuda lura mill-istess applikanti kemm jekk l-applikazzjoni tkun aċċettata mill-Awtorita' kemm jekk ma tiġix aċċettata mill-Awtorita'.

## 12. Dħul annwu totali tal-applikant

Għall-skopijiet ta' din l-applikazzjoni d-dħul annwu aggregat tal-applikant u benefiċċjarji jinkludi:

(i) dħul gross minn impjieg, paga u/jew salarju, *overtime*, pensjoni u/jew benefiċċju soċjali oħra tal-applikanti (esklużi ċ-*Children's Allowance, assistenza mhux kontributirja u assitenza medika* ) fl-intier tagħhom għas-sena bażi preċedenti. F'każ li fis-sena preċedenti l-applikant ma kellhu l-ebda dħul allura l-Awtorita' tad-Djar tikkunsidra d-dħul fid-data tal-applikazzjoni. Meta l-applikazzjoni ssir minn żewġ applikanti jew aktar, jiġi kkunsidrat id-dħul gross minn impjieg tal-applikanti kollha.

(ii) għall-iskop ta' din l-applikazzjoni, id-dħul annwu aggregat totali tas-sena tal-applikant għandu jkun dak id-dħul tal-applikant/i determinat fis-sub-klawsoli ta' din il-klawsola. Iżda l-Awtorità tad-Djar ma tkunx marbuta li taċċetta dikjarazzjonijiet, dokumenti jew informazzjoni oħra mogħtija lilha mill-applikant f'din l-applikazzjoni, jekk l-Awtorità tad-Djar tikkonsidra b'mod raġjonevoli illi tali dikjarazzjonijiet, dokumenti jew informazzjoni bħala mhumiex korretti jew veri.

F'dan il-każ, l-Awtorità għandha tirreferi l-każ lill-Bord tal-Appell maħtur mill-Bord tal-Awtorità tad-Djar, sabiex dan jistabbilixxi d-dħul tal-applikanti. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tkun finali u torbot kemm lill-Awtorità kif ukoll lill-applikanti. L-applikanti milquta għandhom id-dritt jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom quddiem il-Bord tal-Appell.

(iii) mid-dħul gross annwu jitnaqqas kull ammont li persuna separata tħallas lill-parti l-oħra bħala manteniment. Dan l-ammont jitnaqqas wara li jiġi provdut dokument, iffirmat mill-avukati taż-żewġ partijiet b'dikjarazzjoni li, l-ammont uffiċjali kif huwa dikjarat fil-kuntratt tas-separazzjoni qiegħed fil-fatt jitħallas.

**13. Benefiċċju fuq il-Kera**

(i) Il-benefiċċju fuq il-kera jkun ibbażat fuq id-dħul annwu kif ukoll il-kera mħallsa mill-applikanti. It-tabella t'hawn taħt tindika l-kategorija ta' applikanti li jistgħu japplikaw taħt din l-iskema, id-dħul massimu taħt kull kategorija kif ukoll l-ammont massimu ta' benefiċċju kull applikant ikun intitolat għalih:-

| Kategorija | Membri tal-familja | Dħul Massimu | Benefiċċju Massimu |
|---|---|---|---|
| 1 | Persuna Waħedha | €21,900 | €4,200 |
| 2 | Ġenitur Wieħed b'wild wieħed | €22,100 | €5,400 |
| 3 | Ġenitur Wieħed b'żewġ ulied jew aktar | €26,500 | €6,000 |
| 4 | Żewġ Adulti mingħajr tfal | €22,100 | €4,200 |
| 5 | Koppja b'wild wieħed | €26,900 | €5,400 |
| 6 | Koppja b'żewġ ulied jew aktar | €34,900 | €6,000 |
| 7 | Separat/Annullat/Divorzjat/ *De facto* separat 'il fuq minn 55 sena | €34,900 | €6,000 |
| 8 | Tlett Adulti jew aktar jgħixu flimkien | €31,000 | €6,000 |

F'każ ta' persuna jew familji li jkollhom xi membru li jkun ibati minn xi diżabilita', d-dħul ma għandux jeċċedi it-€35,000.

Jingħata €125 addizzjonali fis-sena lill-familji li jkollhom xi membru li jkun ibati minn xi diżabilita', €125 addizzjonali fis-sena lill-familji li jkunu aktar minn 5 membri u jingħata wkoll €300 addizzjonali fis-sena lill-familji li jkollhom jgħixu magħhom tfal *fostered.*
Persuni waħedhom li:-

(1) kienu għamlu xi żmien f'xi djar tal-tfal; jew
(2) kienu f'xi perijodu *fostered* ; jew
(3) ikunu ħerġin mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin; jew
(4) ikunu għadhom kif temmew b'suċċess programm ta' rijabilitazzjoni,

jibbenefikaw minn aktar benefiċċju fuq il-kera sakemm jilħqu it-tmienja u għoxrin (28) sena.

Id-dħul annwu għas-sena bażi fit-Tabella fuq indikata jkun rivedut kull sena bl-ammont ta' awment għall-kumpens tal-għoli tal-ħajja.

Membru tal-familja għandu jinkludi biss:-

(1) l-applikanti; u

(2) tfal li jgħixu fil-familja li jinkludu tfal *fostered*, neputijiet jew tfal relatati mal-applikant sa tieni grad anke fil-linja kollaterali. It-tfal iridu jkunu:-

(i) mhux miżżewġa; u
(ii) dipendenti mill-applikant; u
(iii) bla impjieg; u
(iv) taħt it-tmintax-il sena.

L-eta' ma tapplikax għall-persuni reġistrati bħala *disabled.*

(ii) Il-benefiċċju jiġi mħallas dirett lill-applikant li jikkwalifikaw taħt din l-iskema permezz ta' *direct credit*.

(iii) (a) is-sena bażi kalendarja li fuqha jiġi assessjat d-dħul annwu jkun dak tas-sena kalendarja li tippreċedi d-data tal-applikazzjoni, għall-ewwel *assessment* u mbagħad kull sentejn ta' wara. F'każ li fis-sena preċedenti l-applikant ma kellhu l-ebda dħul allura l-Awtorita' tad-Djar tikkunsidra d-dħul fid-data tar-revizjoni. Kull sentejn l-Awtorita' tad-Djar tagħmel revizjoni fuq id-dħul tal-applikanti;

(b) f'kull sena tar-reviżjoni l-applikant irid jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-iskema. Jekk fid-data tar-reviżjoni hu ma jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' Klawsoli 5 u 6 ta' din l-iskema (u dan minkejja li fid-data tal-applikazzjoni hu kien issodisfa dawn il-kundizzjonijiet u b'hekk kien ikkwalifika) ma jkunx intitolat għal xi benefiċċju ulterjuri u l-applikazzjoni tingħalaq immedjatament.

(c) jekk wara reviżjoni, l-applikazzjoni tal-applikant titqies bħala invalida minħabba dħul għoli, jiġi introdott mekkaniżmu ta' tnaqqis gradwali ("tapering mechanism"), peress li t-twaqqief f'daqqa tal-benefiċċju jista' joħloq diffikultajiet finanzjarji għall-individwi, u t-telf tal-benefiċċju jista' jnaqqas il-kapaċità tagħhom li jadattaw għaċ-ċirkostanzi finanzjarji mibdula tagħhom. L-għan tal-mekkaniżmu ta' tnaqqis gradwali huwa li jipprovdi perjodu ta' tranżizzjoni li matulu l-assistenza tonqos b'mod gradwali, filwaqt li jinkoraġġixxi l-indipendenza finanzjarja. Il-mekkaniżmu ta' tnaqqis gradwali se jaħdem kif ġej:

1. Matul l-ewwel sena wara r-reviżjoni, l-applikanti jirċievu 50% tal-ammont tal-benefiċċju tal-kera li kien ingħata qabel ir-reviżjoni.

2. Matul it-tieni sena, l-applikanti jirċievu 25% tal-ammont tal- benefiċċju tal-kera li kien ingħata qabel ir-reviżjoni.

3. Meta jgħaddi il-perjodu ta' sentejn ta' tnaqqis gradwali, l-applikazzjoni tingħalaq awtomatikament.

Għalkemm l-applikanti jkunu qed jirċievu benefiċċju mnaqqas gradwalment, huma għandhom id-dritt jippreżentaw oġġezzjoni għall-invalidazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika li tinfurmahom li l-applikazzjoni tagħhom ġiet invalidata. Kwalunkwe oġġezzjoni li tasal f'dan il-perjodu tiġi kkunsidrata skont ir-regolamenti tal-Awtorità.

Jekk, matul il-perjodu ta' tnaqqis gradwali, id-dħul tal-familja tal-applikanti jinżel taħt il-limitu ta' eliġibbiltà applikabbli, u b'hekk jerġgħu jsiru eliġibbli għall-benefiċċju tal-kera, huma jistgħu jippreżentaw id-dokumenti relatati mad-dħul tagħhom għal reviżjoni ulterjuri. Ir-reviżjoni ssir biss jekk huma jkunu għadhom jgħixu fl-istess proprjetà u l-kuntratt tal-kera jkun irreġistrat kif suppost mal-Awtorità tad-Djar. Applikazzjoni ġdida trid tiġi sottomessa jekk ikunu għaddew sitt xhur mill-aħħar ħlas ta' tnaqqis gradwali.

(iv) Il-benefiċċju jkun effettiv mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara li tiġi aċċettata l-applikazzjoni imma reviżjonijiet futuri jkunu effettivi mill-pagament li jkun imiss wara sentejn mid-data li tiġi aċċettata l-applikazzjoni.

(v) is-sussidju jiġi mħallas lill-applikant b'xahar il-quddiem. Waqt li l-Awtorità tad-Djar mhux ser titlob lill-applikanti jissottomettu l-irċevuti tal-kera kull tlett xhur u dan l-għaliex il-pagamenti ser jinħarġu dment li l-kuntratt tal-kera jkun reġistrat mall-Awtorità tad-Djar, l-applikant jintrabat li jżomm l-irċevuti tal-kera tal-anqas sitt xhur.

Jekk l-applikant jonqos milli jissottometti l-irċevuti tal-kera meta mitlub mill-Awtorità tad-Djar, l-applikant ikun obbligat li jirrifondi l-ammont ta' benefiċċju li jkun ingħata taħt din l-iskema. Barra minn hekk, l-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt fid-diskrezzjoni tagħha li titlob irċevuti tal-kera fejn tqis xieraq.

## 14. Kwalifikazzjoni għall-benefiċċju fuq il-kera

L-applikant ikompli jikkwalifika għall-benefiċċju wara li l-Awtorita' taċċerta ruħha li l-informazzjoni mogħtija tkun korretta u valida.

Persuna li, fl-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' din l-iskema fil-Gazzetta tal-Gvern, ikollha applikazzjoni taħt xi skemi preċedenti tas-sussidju tal-kera tal-Awtorita' tad-Djar, tista tapplika biex tittermina l-applikazzjoni preċedenti u tapplika taħt din l-iskema. L-applikazzjoni tiġi kkunsidrata f'każ biss li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' din l-iskema. B'dana illi l-ħlas amministrattiv diġa' mħallas fuq l-ewwel applikazzjoni ma jiġix rifuż.

## 15. Telf tal-benefiċċju

(i) Jekk il-benefiċjarju:-

(a) jonqos li jipprovdi d-dokumenti mitluba minnu fiż-żmien stipulat; jew

(b) ikun ta informazzjoni li, f'kull ħin, tinstab li hi skorretta; jew

(c) jonqos milli josserva l-kundizzjonijiet tal-iskema; jew

(d) ma jibqax jgħix u juża l-fond bħala r-residenza ordinarja tiegħu; jew

(e) jonqos li jipprovdi l-irċevuti validi tal-kera mħallsa meta jiġi mitlub mill-Awtorità tad-Djar;

huwa awtomatikament:

(i) jitlef id-dritt għall-benefiċċju fuq il-kera għall-perijodu ta' żmien li l-Awtorita' tiffissa u dan fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, u

(ii) jiġi suġġett għall-penalitajiet sad-doppju tal-benefiċċju li kien ibbenefika, kif jiġi stabbilit mill-Awtorita' fid-diskrezzjoni assoluta tagħha.

(ii) Il-benefiċċju tal-kera jiġi mwaqqaf immedjatament hekk kif il-kuntratt tal-kera ma jibqax reġistrat mal-Awtorità tad-Djar jew il-kuntratt jiġi terminat. F'każ fejn l-irċevuti tal-kera ma jiġux preżentati meta mitluba, il-benefiċċjarju ikun obbligat li jirrifondi l-ammont li jkun ingħata f'benefiċċju taħt din l-iskema.

## 16. Assistenza lill-Vittmi ta' Vjolenza Domestika – L-Għan tal-Inizjattiva

Din l-inizjattiva sservi bħala miżura ta' prevenzjoni sekondarja kontra l-vjolenza domestika, u tgħin b'mod partikolari lill-vittmi li għadhom jgħixu mal-aggressur u li jsibu diffikultà biex jaċċessaw akkomodazzjoni soċjali minħabba proċeduri legali ta' separazzjoni li għadhom għaddejjin. L-applikazzjonijiet jiġu vvalutati bl-użu ta' approċċ iċċentrat fuq is-superstiti, infurmat mit-trawma, ibbażat fuq il-vulnerabbiltà, il-livell ta' riskju, u l-ħtieġa ta' akkomodazzjoni. Social Workers mis-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika tal-Aġenzija Appoġġ u l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità jissottomettu applikazzjonijiet lill-Awtorità tad-Djar ibbażati fuq il-valutazzjonijiet tagħhom, u dokumenti biss datati fi żmien sitt xhur mill-applikazzjoni jiġu kkunsidrati validi. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li:

a. Tnaqqas ir-riskju li l-vittmi jerġgħu jiġu vittmi waqt il-proċess tas-separazzjoni

b. Tipprevjeni lill-vittmi milli jerġgħu jmorru lura għand l-aggressur

c. Tnaqqas ir-riskju li vittmi ta' vjolenza domestika jispiċċaw bla dar

d. Tgħin lill-vittmi jerġgħu jiksbu l-indipendenza u l-kontroll fuq ħajjithom f'ambjent tad-dar sigur

## 17. Kriterji ta' Eliġibbiltà

Il-kriterji ta' eliġibbiltà huma kif ġej:-

a. Vittmi ta' vjolenza domestika
b. Età - L-applikant għandu jkollu 18-il sena jew aktar biex ikun jista' japplika għal din l-iskema.
c. Status ta' residenza

- ċittadin ta' Malta jew tal-Unjoni Ewropea
- Ċittadin ta' pajjiż terz bi status ta' refuġjat, persuna igawdi minn stat ta' refuġjat, jew jgawdi minn protezzjoni sussidjarja jew jipposjedi stat ta' *long term residence jew specific authorisation.*

## 18. Komputazzjoni tal-Benefiċċju

L-Awtorità tad-Djar għandha tutilizza l-informazzjoni interna eżistenti tagħha dwar il-kera, maqsuma skont in-numru ta' kmamar tas-sodda u l-lokalità, biex tistabbilixxi livelli ta' benefiċċju ta' limitu massimu. Dawn il-parametri referenzjarji ser jiġu ppubblikati kull sena u applikati b'mod uniformi, biex jiżguraw il-ġustizzja, it-trasparenza, u l-kontroll tal-ispejjeż. Il-kuntratti kollha għandhom jiġu rreġistrati mal-Awtorità skont l-Att dwar il-Kirijiet Residenzjali Privati, Kapitolu 604. L-ammont limitat għal kull applikazzjoni għandu jkun dak indikat fit-Tabella t'hawn taħt:

| Kategorija | *Membri tal-familja* | *Dħul Massimu* | *Benefiċċju Massimu fix-xahar* |
|---|---|---|---|
| 1 | Persuna Waħedha | €21,900 | €850 |
| 2 | Persuna Waħedha b'wild wieħed | €22,100 | €1,000 |
| 3 | Persuna Waħedha b'żewġ ulied | €26,500 | €1,150 |
| 4 | Persuna Waħedha bi tlett ulied jew aktar | €34,900 | €1,300 |

Abbażi tal-kalkolu tal-benefiċċju, issir ħlas ta' l-ewwel kera u depożitu darba biss. Il-ħlasijiet mensili tal-ammont stabbilit jitħallsu lill-applikant biex ikun żgurat li l-ħlas lill-proprjetarju jsir fil-ħin.

**19. Proċess tal-għażla**

L-Awtorità tad-Djar se tuża qafas ta' ħidma simili għal dak tal-Iskema tal-Benefiċċju tal-Kera, iżda tibqa' topera b'mod indipendenti minn din l-iskema.

**20. Monitoraġġ u Evalwazzjoni**

Applikanti li jkunu jibbenefikaw jiġu approvati formalment biex jirċievu l-għajnuna taħt din l-iskema. Wara, l-Awtorità tad-Djar tamministra l-għajnuna finanzjarja skont il-kriterji ta' eliġibbiltà kkonfermati minn Aġenzija Appoġġ. L-għajnuna approvata tkun valida għal sena mid-data tal-bidu tal-ħlasijiet lill-applikant. Wara d-disa' (9) xahar issir reviżjoni professjonali mmexxija minn Aġenzija Appoġġ, biex terġa' tiġi evalwata l-eliġibbiltà. Abbażi ta' din ir-reviżjoni, il-klijent jista' jkun soġġett għal:

a. Tiġdid sħiħ għal massimu ta' sena oħra ta' għajnuna finanzjarja;
b. Tnaqqis ta' 50% fl-ammont stabbilit, skont is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika attwali tal-klijent;
c. Twaqqif tal-benefiċċju, jekk ma jibqax meħtieġa;
d. Riferiment jew prijoritizzazzjoni għal akkomodazzjoni soċjali fit-tul.

Barra minn hekk, applikanti li jibbenefikaw minn din l-iskema ma jkunux eliġibbli għal allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali matul l-istess perjodu. Dan jiżgura li l-iskema tibqa' distinta u mmirata, u ffukata fuq għajnuna immedjata u temporanja lil superstiti ta' vjolenza domestika, mingħajr ma tikkoinċidi ma' soluzzjonijiet fit-tul ta' akkomodazzjoni soċjali.

L-Awtorità tad-Djar tiffirma kuntratt mal-applikant li ser jibbenefika minn din l-inizjattiva. Minbarra rekwiżiti oħra skont il-proċeduri ġenerali tal-Awtorità tad-Djar, il-kuntratt jinkludi klawsola li tgħid li l-aggressur ma jistax jiġi mistieden fil-proprjetà għaliex dan jista' jwassal għat-telf ta' benfiċċju taħt din l-skema. Din it-tneħħija tkun suġġetta għad-diskrezzjoni professjonali ta' social workers fi ħdan il-FSWS u/jew l-AACC, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal meta jkun hemm invażjoni jew abbuż mill-aggressur, jew meta jkun hemm prova li l-aggressur qed jipparteċipa b'mod attiv fil-programm **Stop! The Violence and Abuse** għall-aggressuri.

**21. Meta titbattal residenza li fuqha qed tingħata għajnuna**

Meta l-applikant jiddeċiedi li jivvaka r-residenza tiegħu li fuqha qed tingħata għajnuna, huwa għandu javża b'dan lill-Awtorita' minn qabel u l-benefiċċju jiġi mwaqqaf immedjatament kif l-applikant jieqaf jgħix f'din ir-residenza, u kull benefiċċju mħallas għal dak il-perijodu li jiġi wara li l-applikant jieqaf li jgħix fir-residenza, għandu jiġi rifuż.

## 22. Dritt ta' rifjut ta' applikazzjoni

Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema l-Awtorita' jkollha d-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni.

## 23. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' *in vigore* għall-perijodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta tal-Gvern u tkun imġedda awtomatikament għall-perijodu ta' sena oħra sakemm ma jiġix ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern avviż li jtemm l-iskema.

## 24. Interpretazzjoni

F'kull każ qed jiġi ribadit li f'każ ta' diverġenza bejn it-test Malti u dak Ingliż, it-test Malti għandu jipprevali.

## 25. Emendi għall-iskema

L-Awtorita' żżomm id-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda neċessarja għal din l-iskema billi tippubblika dawn l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern. Tali emendi jistgħu jsiru anke biex japplikaw b' mod retroattiv. Ebda emenda ma tista' tesponi lill-Awtorita' għal xi azzjoni ta' danni jew għal xi azzjoni legali oħra.

2026